PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2011/0129(COD)

26.3.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità
(COM(2011)0275 – C7-0127/2011 – 2011/0129(COD))

Rapporteur: Antonio López-Istúriz White

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

F’kawża klassika tal-Qorti tal-Ġustizzja, Ian Cowan, ċittadin Ingliż, safa vittma ta’ attakk vjolenti fil-ħruġ ta' stazzjon tal-metro waqt żjara qasira f’Pariġi. L-aggressuri ma ġewx identifikati. Għaldaqstant fittex kumpens mill-awtoritajiet Franċiżi għall-feriti li sofra minn dak l-attakk.

Kif irriżulta, Franza għamlet l-għoti ta’ kumpens mill-Istat għal ħsara kkawżata fi Franza lill-vittma ta’ attakk li wassal għal feriti fiżiċi, suġġett għall-kundizzjoni li l-vittma għandha permess ta’ residenza jew hi ċittadina ta’ pajjiż li daħal f’arranġament reċiproku ma’ Franza. Is-Sur Cowan ma kienx jaqa’ f’dawn il-kategoriji u għalhekk ġie mċaħħad minn kumpens. Il-Qorti, b’referenza mingħand il-korp nazzjonali għall-kumpens, iddeċidiet li din il-limitazzjoni tmur kontra l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità stabbilita fit-Trattat.

Dan il-każ juri sa liema punt il-lakuni jew saħansitra miżuri diskriminatorji fil-ħarsien tal-vittmi fis-suq intern u issa fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja jista’ jxekkel id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni, b’mod partikolari dawk li jagħżlu li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta’ moviment liberu. Kif iddeċidiet tajjeb il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ħarsien tal-vittmi huwa “riżultat ta’ dik il-libertà ta’ moviment”.[1] L-Unjoni tiżgura moviment liberu tal-persuni, u għandha tiżgura bl-istess mod standards u regoli xierqa meta xi ħaġa tmur żmerċ.

Ir-Rapporteur għaldaqstant jilqa’ bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, b’mod partikolari fid-dawl tan-nuqqasijiet tal-istrumenti tal-UE adottati preċedentement, kemm f’termini ta’ kontenut kif ukoll fl-implimentazzjoni[2]. Hu jikkunsidra li t-tisħiħ u l-promozzjoni tad-drittijiet huma essenzjali u li misshom ilhom li saru, għall-iżgurar ta’ bilanċ xieraq mal-inizjattivi kurrenti tal-UE rigward id-drittijiet tal-persuni suspettati u akkużati. Ġeneralment, is-sistemi tal-ġustizzja kriminali jiffokaw fuq min wettaq ir-reat u l-pubbliku, kultant għad-detriment tal-vittma u l-effetti trawmatiċi tar-reat. Il-vittmi m’għandhomx iħossuhom esklużi minn dawn il-proċedimenti.

Il-kumitat jixtieq jara ċerti aspetti tal-proposta msaħħa u magħmula aktar effettivi, waqt li jibqgħu kosteffikaċi u finanzjarjament sostenibbli.

Il-Kumitat jappoġġa l-approċċ tal-Kummissjoni li tistabbilixxi standards minimi, b’hekk tippermetti lill-Istati Membri biex, jekk jixtiequ, imorru lil hinn fil-protezzjoni tal-vittmi. Dan l-approċċ għandu jistabbilixxi livell bażiku ta’ appoġġ għall-vittmi f’dawk l-Istati Membri li m’għandhomx organizzazzjonijiet għall-appoġġ tal-vittmi li ilhom stabbiliti.

F’ċerti każi, wara delitti fuq skala kbira, il-vittmi jistgħu jkunu partikolarment trawmatizzati. Ġeneralment dan huwa l-każ għall-vittmi ta’ delitti terroristiċi, iżda jista’ japplika wkoll għall-vittmi ta’ kriminalità organizzata. Dan għaliex l-imsemmija atti kriminali, minħabba l-iskala tagħhom iżda wkoll minħabba l-mod kif isiru, jeqirdu għalkollox il-ħajja ta' kuljum tal-

[1] Sentenza tat-2 ta’ Frar 1989 fil-Kawża 186/87 Cowan v Trésor public, paragrafu 17.

[2] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali (2011/220/ĠAI), ĠU L 82, 22.3.2011, p.1. Rapport tal-Kummissjoni tal-20.4.2009 COM (2009) 166 final; Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' reati, ĠU L 261, 6.8.2004, p. 15. Rapport tal-Kummissjoni COM (2009) 170 final.

vittmi, u twassalhom biex jitilfu s-sens tagħhom ta' normalità. Pereżempju, il-fiduċja ta' vittma ta' bomba terroristika u vittma ta' traffikar tal-bnedmin, b'mod simili, tista' ssofri ħsara irreparabbli. Dawn il-vittmi għandhom bżonn jerġgħu jibnu ħajjithom. Huwa għalhekk li r-Rapporteur jemmen li l-vittmi ta' dawn id-delitti għandhom jiġu trattati bħala vittmi vulnerabbli.

Għalkemm serje ta' drittijiet minimi hija bażi kruċjali, il-vittmi fuq kollox għandhom bżonn attenzjoni individwali u b'rispett mingħand is-sistema ġudizzjarja relevanti.

Fl-aħħar nett, il-Kumitat jikkunsidra li s-sistemi tal-ġustizzja kriminali fl-Istati Membri għandhom jimmiraw aktar lejn il-protezzjoni tal-vittmi, u mhux jiffukaw biss fuq il-konvenut. Din il-bidla fil-kultura ma tistax tinkiseb biss permezz tal-leġiżlazzjoni iżda se teħtieġ sforzi sostnuti ta' taħriġ u edukazzjoni, gwida prattika u skambju tal-aqwa prattiki. L-Unjoni tinsab f'pożizzjoni privileġġata biex tmexxi fuq kwistjonijiet bħal għarfien aħjar tad-drittijiet tal-vittmi, infurzar aħjar ta' dawn id-drittijiet u taħriġ xieraq b'mod speċjali għall-persunal ġudizzjarju u l-prattikanti legali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa, bħala l-kumitati responsabbli, sabiex jinkorporaw l-emendi li ġejjin fir-rapport tagħhom:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Din id-Direttiva tistipula regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva bil-għan li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni. | (8) Din id-Direttiva tistipula regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva***, b'mod partikolari biex il-vittmi jingħataw status komprensiv ta' parti fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għall-għajnuna legali u aċċess għall-inkartamenti,*** bil-għan li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni. |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (10) Meta tiġi pprovduta l-informazzjoni, għandu jingħata biżżejjed dettall biex jiġi żgurat li l-vittmi jkunu trattati b'rispett u biex dawn ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċeduri u dwar kif għandhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. F'dan ir-rigward, l-informazzjoni li tippermetti lill-vittma li tkun aġġornata dwar l-istat attwali ta' kwalunkwe proċeduri u tal-progress tagħhom hija partikolarment importanti. Dan huwa rilevanti bl-istess mod fir-rigward tal-informazzjoni li tippermetti lill-vittma li tiddeċiedi dwar jekk għandhiex tressaq talba għal reviżjoni ta' deċiżjoni li permezz tagħha l-awtur ma jkunx se jiġi mixli. | (10) Meta tiġi pprovduta l-informazzjoni, ***il-vittmi għandhom jitħallew ikollhom aċċess għall-inkartamenti tal-każ rilevanti, u*** għandu jingħata biżżejjed dettall biex jiġi żgurat li l-vittmi jkunu trattati b'rispett u biex dawn ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedimenti u dwar kif għandhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. F'dan ir-rigward, l-informazzjoni li tippermetti lill-vittma li tkun aġġornata dwar l-istat attwali ta' kwalunkwe proċeduri u tal-progress tagħhom hija partikolarment importanti. Dan huwa rilevanti bl-istess mod fir-rigward tal-informazzjoni li tippermetti lill-vittma li tiddeċiedi dwar jekk għandhiex tressaq talba għal reviżjoni ta' deċiżjoni li permezz tagħha l-awtur ma jkunx se jiġi mixli. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (13) L-appoġġ, kemm jekk ipprovdut minn organizzazzjoni governattiva jew minn organizzazzjoni mhux governattiva, għandu jkun disponibbli mill-mument li fih jitwettaq id-delitt kif ukoll matul il-proċeduri kriminali kollha u wara li jintemmu l-proċeduri, skont il-ħtiġijiet tal-vittma. L-appoġġ għandu jingħata b'mezzi varji, mingħajr formalitajiet żejda u b'distribuzzjoni ġeografika suffiċjenti, li jippermettu li l-vittmi kollha jkollhom l-opportunità ta' aċċess għal dawn is-servizzi. Jista' jkun li ċerti gruppi ta' vittmi, bħall-vittmi ta' vjolenza sesswali, ta' delitti minħabba l-ġeneru, minħabba l-mibegħda lejn ir-razza jew ta' delitti oħra ta' preġudizzju ***jew*** il-vittmi tat-terroriżmu, | (13) L-appoġġ, kemm jekk ipprovdut minn organizzazzjoni governattiva jew minn organizzazzjoni mhux governattiva ***li hija reġistrata u sorveljata skont il-liġi nazzjonali,*** għandu jkun disponibbli mill-mument li fih jitwettaq id-delitt kif ukoll matul il-proċeduri kriminali kollha u wara li jintemmu l-proċeduri, skont il-ħtiġijiet tal-vittma. L-appoġġ għandu jingħata b'mezzi varji, mingħajr formalitajiet żejda u b'distribuzzjoni ġeografika suffiċjenti, li jippermettu li l-vittmi kollha jkollhom l-opportunità ta' aċċess għal dawn is-servizzi. Jista' jkun li ċerti gruppi ta' vittmi, bħall-vittmi ta' vjolenza sesswali, ta' delitti minħabba l-ġeneru, minħabba l-mibegħda lejn ir-razza jew ta' delitti oħra |

| | |
|---|---|
| ikunu jeħtieġu servizzi ta' appoġġ speċjalizzat minħabba l-karatteristiċi partikolari tad-delitt li jkun sar fil-konfront tagħhom. | ta' preġudizzju ***u*** l-vittmi tat-terroriżmu ***jew tal-kriminalità organizzata***, ikunu jeħtieġu servizzi ta' appoġġ speċjalizzat minħabba l-karatteristiċi partikolari tad-delitt li jkun sar fil-konfront tagħhom. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-vittmi tal-kriminalità organizzata huma fost dawk partikolarment vulnerabbli, minħabba li huma speċjalment esposti għall-intimidazzjoni u għat-theddida ta' vjolenza ripetuta min-naħa ta' min iwettaq delitti ta' dan it-tip. Huwa għalhekk li għandhom bżonn miżuri speċjali, mhux biss għall-protezzjoni waqt proċedimenti kriminali, imma wkoll rigward servizzi ta' assistenza speċjalizzata.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Waqt il-proċeduri kriminali uħud mill-vittmi jkunu partikolarment vulnerabbli għall-vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta u għall-intimidazzjoni min-naħa tal-imputati jew tal-kompliċi tiegħu. Vulnerabilità ta' dan it-tip ġeneralment tista' tiġi identifikata mill-karatteristiċi personali tal-vittma u mit-tip jew min-natura tad-delitt. Fuq il-bażi ta' dan, ħafna drabi xi vittmi bħat-tfal, il-persuni b'diżabilità, il-vittmi tal-vjolenza sesswali u l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikunu vulnerabbli li jiġu vittimizzati iktar u jkunu jeħtieġu miżuri speċjali ta' protezzjoni. L-aċċess għall-miżuri ta' protezzjoni għandu jkun limitat biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħall-ibbilanċjar tad-drittijiet fundamentali tal-imputat jew tal-persuna suspettata, jew meta l-vittma tkun tixtieq hekk. Din id-Direttiva ma tittrattax l-istess kwistjonijiet tal-każijiet ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u ta' vittmi tfal ta' abbużi sesswali, ta' sfruttamenti sesswali u ta' pedopornografija, jekk diġà jkun hemm | (17) Waqt il-proċeduri kriminali uħud mill-vittmi jkunu partikolarment vulnerabbli għall-vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta u għall-intimidazzjoni min-naħa tal-imputati jew tal-kompliċi tiegħu. Vulnerabilità ta' dan it-tip ġeneralment tista' tiġi identifikata mill-karatteristiċi personali tal-vittma u mit-tip jew min-natura tad-delitt. Fuq il-bażi ta' dan, ħafna drabi xi vittmi bħat-tfal, il-persuni b'diżabilità, il-vittmi tal-vjolenza sesswali***, il-vittmi tal-kriminalità organizzata*** u l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ikunu vulnerabbli li jiġu vittimizzati iktar u jkunu jeħtieġu miżuri speċjali ta' protezzjoni. L-aċċess għall-miżuri ta' protezzjoni għandu jkun limitat biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħall-ibbilanċjar tad-drittijiet fundamentali tal-imputat jew tal-persuna suspettata, jew meta l-vittma tkun tixtieq hekk. Din id-Direttiva ma tittrattax l-istess kwistjonijiet tal-każijiet ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin ***jew tal-kriminalità organizzata*** u ta' vittmi tfal ta' abbużi sesswali, ta' |

| | |
|---|---|
| dispożizzjonijiet speċifiċi u iktar dettaljati dwarhom inklużi fi strumenti separati adottati jew li qegħdin jiġu negozjati. | sfruttamenti sesswali u ta' pedopornografija, jekk diġà jkun hemm dispożizzjonijiet speċifiċi u iktar dettaljati dwarhom inklużi fi strumenti separati adottati jew li qegħdin jiġu negozjati. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-vittmi tal-kriminalità organizzata huma kategorija fost dawk speċifiċi definiti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi fl-UE – 18.05.2011 (COM(2011) 274). Fid-dawl tal-fatt li l-vittmi tal-kriminalità organizzata huma partikolarment vulnerabbli għall-intimidazzjoni u għat-theddida ta' vjolenza ripetuta min-naħa ta' min iwettaq reati ta' dan it-tip, huma jeħtieġu miżuri speċjali ta' protezzjoni.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Kwalunkwe ***uffiċjali*** *involuti* fi proċeduri kriminali u li x'aktarx li jkollhom kuntatt mal-vittmi għandhom jiġu mħarrġa biex ikunu kapaċi jidentifikaw u jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-vittmi, kemm permezz tat-taħriġ tal-bidu u tat-taħriġ kontinwu kif ukoll sal-livell xieraq biex ikollhom kuntatt mal-vittmi. Dan għandu jinkludi taħriġ speċjalizzat ***kif xieraq***. | (24) Kwalunkwe ***professjonist*** *involut* fi proċeduri kriminali u li x'aktarx li jkollhom kuntatt mal-vittmi għandhom jiġu mħarrġa biex ikunu kapaċi jidentifikaw u jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-vittmi, kemm permezz tat-taħriġ tal-bidu u tat-taħriġ kontinwu kif ukoll sal-livell xieraq biex ikollhom kuntatt mal-vittmi. Dan għandu jinkludi taħriġ speċjalizzat***, pereżempju rigward vittmi ta' reati sesswali, familji f'luttu minħabba qtil, vittmi żgħażagħ tal-kriminalità jew vittmi ta' kriminalità transfruntiera***. |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) F'konformità mad-Dikjarazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata[1].*** <br> ______________ <br> ***[1]Il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill ġustifikazzjoni bil-miktub dwar X (X).*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jingħataw, mingħajr dewmien bla bżonn u sa mill-ewwel kuntatt tagħhom ***mal-awtorità kompetenti biex tilqa' kwereli*** dwar ***reati*** kriminali, l-informazzjoni li ġejja: | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ***kollha*** jingħataw, mingħajr dewmien bla bżonn u ***b'lingwa li l-vittma tifhimha, u bl-użu ta' tekniki ta' komunikazzjoni sensittivi għat-tfal fejn xieraq,*** sa mill-ewwel kuntatt tagħhom ***ma' kwalunkwe awtorità pubblika wara kwerela*** dwar ***reat*** kriminali, l-informazzjoni li ġejja: |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) ***sa liema punt u*** b'liema kundizzjonijiet huma intitolati li jirċievu pariri legali, għajnuna legali jew kwalunkwe tip ieħor ta' | (f) b'liema kundizzjonijiet huma intitolati li jirċievu pariri legali, għajnuna legali jew kwalunkwe tip ieħor ta' pariri ***indipendenti*** |

pariri; | *u esperti*;

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) li jkollhom dritt għal interpretazzjoni u traduzzjoni f'kull kawża, bla ħlas;*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-informazzjoni provduta fil-paragrafu 1 għandha tingħata sew bil-fomm kif ukoll bil-miktub, b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli, filwaqt li jitqies kwalunkwe bżonn partikolari ta' persuni vulnerabbli.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex biżżejjed li l-awtoritajiet jingħataw l-għażla li l-informazzjoni provduta fil-paragrafu 1 jagħtuha biss bil-fomm.*

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu notifikati bid-dritt tagħhom li jingħataw ***l-informazzjoni li ġejja*** dwar il- | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jiġu notifikati bid-dritt tagħhom li jingħataw ***informazzjoni*** dwar il-każ |

| | |
|---|---|
| każ tagħhom ***u bil-fatt li din l-informazzjoni tingħatalhom*** jekk huma jkunu esprimew ix-xewqa ***li jirċievuha***: | tagħhom ***u li jkunu jistgħu jaċċedu għall-inkartamenti rilevanti tal-każ*** jekk huma jkunu esprimew din ix-xewqa***, u li b'hekk jirċievu l-informazzjoni li ġejja***: |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jingħataw l-opportunità li jiġu notifikati meta l-persuna mixlija jew misjuba ħatja tar-reati fil-konfront tagħhom tiġi rilaxxata mill-kustodja. Il-vittmi għandhom jingħataw din l-informazzjoni ***jekk huma jkunu esprimew ix-xewqa li jiġu infurmati***. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jingħataw l-opportunità li jiġu notifikati meta l-persuna mixlija jew misjuba ħatja tar-reati fil-konfront tagħhom tiġi rilaxxata mill-kustodja ***jew jekk dik il-persuna taħrab mill-kustodja***. Il-vittmi għandhom jingħataw din l-informazzjoni ***minnufih f'kull każ***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li n-notifika u l-informazzjoni provduti skont il-paragrafi 1 u 2 ikunu provduti f'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli, filwaqt li għandu jitqies kwalunkwe bżonn partikolari ta' vittmi li huma vulnerabbli.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu d-dritt tal-vittmi li jimmodifikaw fi kwalunkwe mument id-*** |

| | |
|---|---|
| | ***deċiżjoni rigward ix-xewqa tagħhom li jirċievu jew ma jirċevux l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kwerela fir-rigward tar-reat kriminali li tkun saret lill-awtorità kompetenti; | (a) il-kwerela fir-rigward tar-reat kriminali li tkun saret lill-awtorità kompetenti; |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom ikollhom aċċess bla ħlas u kunfidenzjali għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, skont il-ħtiġijiet tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom ikollhom aċċess bla ħlas u kunfidenzjali għas-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, skont il-ħtiġijiet tagħhom ***qabel, matul u għal żmien adegwat wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċediment kriminali***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li jkun speċifikat li għandu jkun hemm livell konsistenti u garantit ta' sostenn fl-Istati Membri kollha u li s-sostenn m'għandux jillimita ruħu għaż-żmien immedjatament wara r-reat, għax il-proċedimenti kriminali jafu jkunu twal, kumplessi u trawmatiċi, partikolarment għall-vittmi ta' reati vjolenti u/jew sesswali.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-għażla tal-vittma li ma tagħmilx użu mill-appoġġ tal-Istat.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom iħallu organizzazzjonijiet governattivi jew non-governattivi b'interess leġittimu u li huma reġistrati u sorveljati skont il-liġi nazzjonali, jintervjenu fi proċedimenti kriminali b'sostenn għal, jew f'isem, il-vittma jew vittmi.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jirċievu konferma bil-miktub ta' kwalunkwe kwerela li jkunu għamlu ma' xi awtorità kompetenti tal-Istat Membru. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jirċievu konferma bil-miktub, ***f'lingwa li jifhmu,*** ta' kwalunkwe kwerela li jkunu għamlu ma' xi awtorità kompetenti tal-Istat Membru. |

*Ġustifikazzjoni*

*F'linja waħda mad-drittijiet mogħtija il individwi akkużati li wettqu reati barra minn pajjiżhom.*

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jinstemgħu waqt *il-proċeduri* kriminali u ***jkunu jistgħu*** jagħtu x-xhieda tagħhom. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu ***jieħdu sehem fi proċedimenti kriminali u li jkollhom id-dritt li*** jinstemgħu waqt *il-proċedimenti* kriminali u ***li*** jagħtu x-xhieda tagħhom. |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-persuna suspettata jew akkużata jew l-awtur tar-reat trid/irid tkun/ikun aċċettat/aċċetta r-responsabilità tal-għemil tagħha/tiegħu; | (c) il-persuna suspettata jew akkużata jew l-awtur tar-reat trid/irid tkun/ikun aċċettat/aċċetta r-responsabilità tal-għemil tagħha/tiegħu ***u għandha/għandu toffri/joffri spjegazzjoni lill-vittma***; |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw ir-referenza tal-każijiet għas-servizzi tal-medjazzjoni jew għal servizzi oħra ta' ġustizzja restorattiva, anki permezz tal-istabbiliment ta' ***protokolli*** dwar il-kundizzjonijiet ta' referenza. | 2. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw ir-referenza tal-każijiet għas-servizzi tal-medjazzjoni jew għal servizzi oħra ta' ġustizzja restorattiva, anki permezz tal-istabbiliment ta' ***proċeduri*** dwar il-kundizzjonijiet ta' referenza. |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-medjazzjoni jew servizzi oħra ta' ġustizzja restorattiva, meta pprovduti minn organizzazzjonijiet non-governattivi, jiġu reġistrati u suġġetti għal sorveljanza regolari skont il-liġi nazzjonali.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proprjetà tal-vittmi ***li tista' tiġi rkuprata u*** li tiġi sekwestrata matul il-proċeduri kriminali, tintradd lura lilhom mingħajr dewmien, sakemm ma tkunx meħtieġa għall-iskop tal-proċeduri kriminali. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proprjetà tal-vittmi li tiġi sekwestrata matul il-proċeduri kriminali, tintradd lura lilhom mingħajr dewmien, sakemm ma tkunx meħtieġa għall-iskop tal-proċeduri kriminali. |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jinkoraġġixxu lill-ħatja biex jipprovdu kumpens adegwat lill-vittmi. | 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jinkoraġġixxu lill-ħatja biex jipprovdu kumpens adegwat lill-vittmi ***u għandhom jassistu lill-vittmi fl-infurzar f'waqtu ta' deċiżjonijiet ta' kumpens***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-paragrafu għandu jissaħħaħ bl-enfasi li l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli*

*li jiżguraw li d-deċiżjonijiet ta' kumpens jiġu eżegwiti bla dewmien.*

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu implimentati proċeduri sempliċi u komuni biex jippermettu li vittmi tal-kriminalitàli jkunu residenti fi Stat Membru ieħor japplikaw għal kumpens faċilment, u li deċiżjonjiet ta' kumpens transfruntiera jiġu eżegwiti bla dewmien żejjed.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-vittmi ta' reati barra minn pajjiżhom m'għandhomx jiġu mtellfa milli jitolbu li jingħataw il-kumpens li jixirqilhom minħabba proċeduri kumpessi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm proċedura waħda u sempliċi għal talbiet ta' kumpens minn ċittadini ta' pajjiżi oħra, u li d-deċiżjonijiet ta' kumpens transfruntiera jiġu eżegwiti f'waqthom.*

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-kategoriji ta' vittmi li ġejjin huma meqjusa vulnerabbli minħabba l-karatteristiċi personali tagħhom: | 1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-kategoriji ta' vittmi li ġejjin huma meqjusa vulnerabbli minħabba l-karatteristiċi ***jew is-sitwazzjoni*** personali tagħhom: |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) It-tfal; | (a) It-tfal ***u l-anzjani***; |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Persuni fir-riskju li jsiru mira jew jiġu intimidati;*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Vittmi ta' vjolenza domestika;*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Vittmi ta' attakki terroristiċi, tal-kriminalità organizzata, tal-pedofilija u tal-kriminalità ċibernetika.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***b'mod progressiv il-kundizzjonijiet*** meħtieġa biex jippermettu li jiġi evitat il-kuntatt bejn il-vittmi u l-persuni suspettati jew akkużati fi kwalunkwe lok fejn il-vittmi jista' jkollhom kuntatt personali mal- | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***l-kundizzjonijiet*** meħtieġa biex jippermettu li jiġi evitat il-kuntatt bejn il-vittmi u l-persuni suspettati jew akkużati fi kwalunkwe lok fejn il-vittmi jista' jkollhom kuntatt personali mal-awtoritajiet pubbliċi |

| | |
|---|---|
| awtoritajiet pubbliċi minħabba l-fatt li huma jkunu l-vittmi u b'mod partikolari, fil-postijiet fejn isiru l-proċeduri kriminali. | minħabba l-fatt li huma jkunu l-vittmi u b'mod partikolari, fil-postijiet fejn isiru l-proċeduri kriminali. |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-vittmi jiġu interrogati mingħajr dewmien mhux ***ġustifikat*** wara li jagħmlu l-kwerela tagħhom fir-rigward ta’ reat kriminali mal-awtoritajiet kompetenti; | (a) il-vittmi jiġu interrogati mingħajr dewmien mhux ***meħtieġ*** wara li jagħmlu l-kwerela tagħhom fir-rigward ta’ reat kriminali mal-awtoritajiet kompetenti; |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-possibilità ta’ żjajjar fil-qrati qabel il-proċess għall-vittmi, għal finijiet ta’ familjarizzazzjoni .*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kumitat jemmen li l-vittmi għandhom jibbenefikaw minn żjajjar fil-qrati qabel il-proċess, għal finijiet ta' familjarizzazzjoni.*

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| c) l-interrogazzjonijiet kollha tal-vittma jitwettqu mill-istess persuni sakemm dan ma jmurx kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja; | c) l-interrogazzjonijiet kollha tal-vittma jitwettqu mill-istess persuni sakemm dan ma jmurx kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ***u dment li l-vittma ma tesprimix xewqa kuntrarja tul l-investigazzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***kriminali***; |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-interrogazzjonijiet kollha tal-vittmi ta' vjolenza sesswali jitwettqu minn persuna tal-istess sess. | (d) l-interrogazzjonijiet kollha tal-vittmi ta' vjolenza sesswali jitwettqu minn persuna tal-istess sess ***ħlief jekk mitlub mod ieħor mill-vittma***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt *il-proċeduri* fil-qorti, ***l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu jistgħu jadottaw miżuri xierqa*** biex jipproteġu l-ħajja privata u r-ritratti tal-vittmi u tal-membri tal-familji tagħhom. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***jiġu adottati miżuri xierqa, b'mod partikolari*** waqt ***l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u*** *l-proċedimenti* fil-qorti, biex jipproteġu l-ħajja privata u r-ritratti tal-vittmi u tal-membri tal-familji tagħhom. |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aġenziji b'kuntatt mal-vittmi jadottaw standards ċari li huma ma jistgħux jiżvelaw informazzjoni li tkun ngħatat lilhom mingħand vittma jew persuna relatata mal-vittma ħlief meta l-vittma tkun tat il-kunsens biex tiġi żvelata, jew jekk hemm ħtieġa jew awtorizzazzjoni legali biex dan isir.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pulizija, il-prosekuturi u l-persunal tal-qorti jirċievu kemm taħriġ ġenerali kif ukoll taħriġ speċjalizzat li permezz tiegħu jilħqu livell xieraq għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi biex ikunu ssensibilizzati għall-ħtiġijiet tal-vittmi u biex jittrattawhom b'imparzjalità, b'rispett u bi professjonalità. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pulizija, il-prosekuturi u l-persunal tal-qorti ***dejjem*** jirċievu kemm taħriġ ġenerali kif ukoll taħriġ speċjalizzat li permezz tiegħu jilħqu livell xieraq għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi biex ikunu ssensibilizzati għall-ħtiġijiet tal-vittmi u biex jittrattawhom b'imparzjalità, b'rispett u bi professjonalità. |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-ġudikatura jkollhom aċċess kemm għal taħriġ ġenerali kif ukoll għal taħriġ speċjalizzat biex ***ikunu ssensibilizzati għall-ħtiġijiet*** tal-vittmi u ***biex jittrattawhom*** b'imparzjalità, b'rispett u bi professjonalità. | 2. ***Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura fl-Unjoni,*** l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-ġudikatura jkollhom aċċess kemm għal taħriġ ġenerali kif ukoll għal taħriġ speċjalizzat biex ***isiru konxji tal-ħtiġijiet*** tal-vittmi u ***tal-bżonn li tali vittmi jiġu trattati*** b'imparzjalità, b'rispett u bi professjonalità, ***u li huma jiġu mħeġġa biex jipparteċipaw f'tali taħriġ, inkluż it-taħriġ ulterjuri, fejn xieraq***. |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom dejjem jiżguraw li l-avukati jkollhom aċċess kemm għal taħriġ ġenerali kif ukoll għal taħriġ speċjalizzat biex ikunu ssensibilizzati għall-ħtiġijiet tal-vittmi u biex jittrattawhom b'imparzjalità, b'rispett u bi professjonalità.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li dawk li jipprovdu appoġġ għall-vittmi u servizzi ta' ġustizzja restorattiva jingħataw taħriġ xieraq li permezz tiegħu jilħqu livell adattat għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi u jirrispettaw l-istandards professjonali biex jiġi żgurat li dawn is-servizzi jkunu pprovduti b'mod imparzjali, b'rispett u bi professjonalità. | 3. L-Istati Membri għandhom ***dejjem*** jieħdu miżuri biex jiżguraw li dawk li jipprovdu appoġġ għall-vittmi u servizzi ta' ġustizzja restorattiva jingħataw taħriġ xieraq li permezz tiegħu jilħqu livell adattat għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi u jirrispettaw l-istandards professjonali biex jiġi żgurat li dawn is-servizzi jkunu pprovduti b'mod imparzjali, b'rispett u bi professjonalità. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ambaxxati u l-konsulati tagħhom ikollhom mekkaniżmi stabbiliti sewwa ta' kuntatt mal-fornituri ta' servizzi u l-aġenziji tal-vittmi fl-Istati Membri fejn ikunu biex jiżguraw li l-vittmi jiġu riferiti bil-ħeffa.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan is-suġġeriment sar minn bosta kostitwenti f'każijiet fejn huma stess jew inkella qrabathom sfaw vittmi ta' reat barra minn pajjiżhom. Hija ommissjoni li għandha tkun indirizzata fil-leġiżlazzjoni.*

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 2c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dritt nazzjonali tagħhom dwar ir-ripatrijazzjoni tal-mejtin isegwu proċedura u skeda ta' żmien komuni li jqisu sew ix-xewqat tal-familja kif ukoll it-tradizzjonijiet reliġjużi u kulturali tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din hija problema rikurrenti u persistenti għall-familji tal-vittmi tal-kriminalità.*

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 27a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 27a*** |
| | ***Rapport*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha.*** |
| | ***2. Dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti għall-emenda ta' din id-Direttiva.*** |

# PROĊEDURI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità |
| **Referenzi** | COM(2011)0275 – C7-0127/2011 – 2011/0129(COD) |
| **Kumitati responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE FEMM<br>7.6.2011 7.6.2011 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>7.6.2011 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Antonio López-Istúriz White<br>20.6.2011 |
| **Artikolu 51 - Laqgħat konġunti ta' kumitati**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | 19.1.2012 |
| **Eżami fil-kumitat** | 10.10.2011 25.1.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 26.3.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 16<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Giuseppe Gargani, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Dimitar Stoyanov, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Piotr Borys, Eva Lichtenberger |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pablo Arias Echeverría |